MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-1 ta' Awwissu, 2013

Numru. 723/2013

**SPETTUR LUKE BONELLO**
**VS**
**MATTHIEU MAURICE- ANDRE ANEX- DIT-CHENAUD**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Matthieu Maurice-Andre Anex-dit- Chenaud ta' 19- il sena bin Olvier u Anne nee' Golinucci, mwieled l- Isvizzera fid-9 ta' Mejju 1994, residenti l- Gzira u detentur tal- Karta tal-Identita' Svizerra b' numru E1401004;

Talli fl- 1 ta' Awwissu 2013 ghall-habta tal- 04.00am gewwa Dan Giljan;

1) ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fu il-persuna ta' persuni inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom

jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

2) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skont il-ligi mill- awtorita’ kompetenti;

3) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il- kwiet tal- pubbliku;

4) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirksotanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 95, 96, 338(dd) u (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah erba’ (4) xhur prigunerija sospizi ghal sena ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------